

32007R0257

10.3.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 71/3

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 257/2007****tad-9 ta' Marzu 2007****li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 800/1999 fir-rigward tal-provi li l-formalitajiet doganali għall-importazzjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib f'pajjiżi terzi jkunu saru**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib<sup>1</sup>, u b' mod partikolari t-tielet inċiż tal-Artikolu 31(10) tiegħu,

Billi:

- (1) It-tielet inċiż tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jistipula li fil-każ ta' rifużjonijiet diffrenzjati, ir-rifużjoni għandha titħallas wara li tkun ippreżentata prova li l-prodotti jkunu waslu fid-destinazzjoni indikata fuq il-liċenzja jew f' destinazzjoni oħra li għaliha tkun iffissata r-rifużjoni. Jistgħu jsiru eċċezzjonijiet għal din ir-regola skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 42 tal-istess Regolament, sakemm jiġu stabbiliti kondizzjonijiet li joffru garanziji ekwivalenti.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2004 tas-26 ta' Frar 2004 li jiffissa r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib<sup>2</sup>, mis-27 ta' Frar 2004 introduċa rifużjonijiet diffrenzjati skont id-destinazzjoni fuq il-prodotti kollha tal-ħalib.
- (3) L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jstabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli<sup>3</sup> jindika liema dokumenti jistgħu jservu bħala prova li l-formalitajiet doganali għall-importazzjoni ġew kompletati f'pajjiżi terzi f'każijiet fejn ir-rata tar-rifużjoni tkun diffrenzjata skont

<sup>1</sup> ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

<sup>2</sup> ĠU L 60, 27.2.2004, p. 46.

<sup>3</sup> ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 671/2004 (ĠU L 105, 14.4.2004, p. 5).

- id-destinazzjoni. Skont dak l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, f'ċerti każijiet speċifiċi li jridu jiġu ddeterminati, li l-prova tal-importazzjoni kif imsemmi f'dak l-Artikolu tista' tingħata permezz ta' dokument speċifiku jew fi kwalunkwe mod ieħor.
- (4) Minħabba li biex il-ħlas tar-rifużjonijiet jiġi soġġett għar-reqwiziti tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 jinvolvi bidla sostanzjali fil-proċeduri amministrattivi kemm għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għall-esportaturi, dan għandu implikazzjonijiet amministrattivi u joħloq piż finanzjarju sinjifikanti. Il-kisba tal-prova msemmija fl-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament f'ċerti pajjiżi jista' joħloq diffikultajiet amministrattivi konsiderevoli. Barra minn hekk, il-kondizzjonijiet partikolari tal-esportazzjoni tal-prodotti tal-ħalib jistgħu jwasslu biex il-ksib ta' dawn il-provi jkun ferm aktar diffiċli u oneruż.
- (5) Biex jittaffew ftit mill-piżijiet amministrattivi u finanzjarji imposti fuq l-esportaturi, u biex l-awtoritajiet u l-esportaturi jkunu jistgħu jstabbilixxu l-arranġamenti l-ġodda għall-prodotti kkonċernati kif ukoll jintroduċu l-proċeduri meħtieġa biex ikun żgurat li l-formalitajiet kollha jkunu saru mingħajr problemi, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 423/2006 tat-13 ta' Marzu 2006 li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 800/1999 fir-rigward tal-provi li l-formalitajiet doganali għall-importazzjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib f'pajjiżi terzi jkunu kompletati<sup>4</sup> kif stabbilit fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, jipprovdi għal perjodu tranżitorju li matulu l-ksib tal-prova li l-formalitajiet doganali għall-importazzjoni jkunu saru jsir aktar faċli. Dak il-perjodu skada fil-31 ta' Diċembru 2006.
- (6) Madankollu, f'ħafna mill-pajjiżi tad-destinazzjoni għad mhemmx proċeduri xierqa u mezzi adegwati biex ikunu fornuti d-dokumenti meħtieġa. Biex jiġi evitat li l-kummerċjanti ma jingħatawx ir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għal dik ir-raġuni, huwa meħtieġ li jibqa' jkun previst reġim tranżitorju.
- (7) Ta' min ifakkar dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, f'każ li jkun hemm xi dubju rigward id-destinazzjoni tal-prodotti esportati, li jitolbu evidenza addizzjonali għar-rifużjonijiet kollha li turi, għas-sodisfazzjoni tagħhom, li l-prodott fil-fatt ikun tpoġġa fis-suq fil-pajjiż terz li jimporta.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. Fil-każ ta' esportazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0401 sa 0405 li jkunu saru skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 li għalihom l-esportatur ma jkunx jista' jforni l-prova msemmija fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, il-prodott għandu jitqies li jkun ġie importat f'pajjiż

<sup>4</sup> ĠU L 75, l-14.3.2006, p. 3.

terz meta tiġi ppreżentata kopja tad-dokument tal-ġarr u wieħed mid-dokumenti elenkati fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 l-Istati Membri għandhom iqisu d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika għad-dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni aċċettati mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
*Mariann FISCHER BOEL*  
*Membru tal-Kummissjoni*